MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Avviz Numru. 74/2014

**Portelli & Brincat Limited**

**vs**

**Pierre Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta’ attrici fis-26 ta’ Frar 2014 fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u disghin ewro (€3,990.00), rapprezentanti bilanc ta’ somom dovuti lis-socjeta’ attrici mill-klijenti taghha, migbura u

mizmuma minnu ghan-nom tal-istess socjeta’ attrici, u li huwa naqas li jroddilha minkejja diversi interpellanzi.

Bl-interessi legali mid-data/i tal-gbir tas-somom relattivi, u bl-ispejjez legali kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ April, 2014 deher il-konvenut Pierre Portelli assistit minn Dr Frank Cassar.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni tal-attur prezentata seduta stante nhar id-9 ta’ April, 2014 li biha rriduca l-pretensjoni attrici tieghu bl-ammont ta’ sitt mitt ewro u li ghalhekk illum l-ammont dovut huwa ta’ tlett elef tlett mija u disghin ewro.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut prezentata wkoll seduta stante nhar id-9 ta’ April, 2014 u dan wara li l-istess konvenut iddikjara li kien hallas is-somma ta’ sitt mitt ewro fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici b’dan illi pero’ qed tirriduci tali talba bis-somma ta’ sitt mitt ewro (€600) u ghalhekk qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, tlett mija u disghin ewro (€3,390). Bl-ispejjes legali mid-dati tal-gbir tas-somom relattivi u l-ispejjes tal-proceduri odjerni a karigu tal-konvenut.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------